MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 700/2009

Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi
vs
Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti kienu involuti f'incident stradali fit-18 ta' Dicembru 2007 fi Mdina Road, Zebbug, meta waqt illi r-rikorrenti Dominic Azzopardi kien qed isuq il-vettura ta' missieru r-rikorrenti l-iehor Anthony Azzopardi, vettura Opel Corsa bin-numru FAV-697, minhabba trinek difettuzi u hofor kbar fit-triq arterjali bhal dik imsemmija, kienu involuti fl-incident li ikkawza danni serji lir-rikorrenti;

2. Illi r-rikorrenti Anthony Azzopardi sofra fuq kollox danni konsiderevoli fil-vettura tieghu imsemmija fir-rikors, filwaqt illi r-rikorrenti Dominic Azzopardi sofra anke

dizabilita` permanenti, kif certifikat minn Dr. A. Galea Debono;

3. Illi l-incident sehh tort unikament ta' l-Awtorita` Intimata meta jirrizulta li sa ftit granet qabel l-imsemmi incident, il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug kien gja interpella lill-istess Awtorita` sabiex tiehu l-passi kollha rimedjali dwar il-hofor u l-istat hazin tat-triq fejn effettivament sehh l-incident *de quo*;

4. Illi l-Awtorita` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita` intimata (Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta) hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-18 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tas-6.30 a.m. fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, f'liema incident ir-rikorrenti sofrew danni serji, inkluz dizabilita` permanenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-incident hawn fuq imsemmi, okkorrendo jekk hemm bzonn, bil-hatra ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-Awtorita` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dawk is-somom li jigu hekk likwidati a favur kull wiehed mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali skond il-Ligi kontra l-Awtorita` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti relativi ezebiti mill-atturi.

Rat illi l-Awtorita` intimata baqghet kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li fid-19 ta' Ottubru, 2009 Mr. Ray Gatt gie nominat bhala espert mediku. Rat li fil-15 ta' Marzu, 2010 peress li irrizulta li l-problema principali kienet riferibbli ghar-ras tal-pazjent inkluz problemi ta' natura newrologika u ghalhekk mhux propja kompetenza ta' Mr. Ray Gatt, il-Qorti irrevokat *contrario imperio* d-digriet tan-nomina ta' Mr. Gatt. Rat li fis-6 ta' Mejju, 2010 Mr. Norbert Vella gie nominat bhala espert mediku, izda li minhabba pressjoni kbira ta' xoghol talab li jigi ezentat. Rat li fil-15 ta' Novembru, 2010 Dr. Josanne Aquilina giet nominata bhala perit mediku. Rat il-verbal tas-26 ta' Jannar, 2011 minn fejn irrizulta li Dominic Azzopardi iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li t-tabiba espert tal-Qorti tara l-*file* tieghu.

Rat ir-rapport ta' Dr. Josanne Aquilina (fol 46 *et* tal-process) fejn issemma:

"*CT scan* tar-ras wera li kien hemm frattura tat-*terporal bone* fuq iz-zweg nahat, frattura tal-bazi kranjali tar-ras, demm migbur fil-*maxillary*, *ethmoid*, *mastoid* u *sphenoid sinuses.* Kien hemm ukoll nefha generali tal-mohh u demm migbur taht il-meningi tal-mohh fuq in-naha tax-xellug (*traumatic subarachnoid haemorrhage*). *CT scan* ta' l-ispina cervikali kien normali.

Mr. Azzopardi kien ikkurat fl-*Intensive Thaerapy Unit* sakemm gie ittrasferit f'sala tal-kirurgija wara li gie f'sensieh fit-22 ta' Dicembru 2007. Hareg mill-isptar fit-8 ta' Jannar 2008….

Evalwazzjoni tar-Rata ta' Dizabilita` Permanenti:

Mr. Azzopardi ghadu jbati mis-sintomi tat-Trawma tar-Ras bil-lezjonijiet tan-nervaturi kranjali imsemmija, u l-ezami

newrologiku jikkonferma dan. Ir-rata ta' dizabilita` tieghu hija meqjusa b'riferenza ghall-ktieb Emendi fil-Ligi dwar Danni Civili mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern (2010). Id-dizabilita` li tirrizulta' minn kull nerv kranjali hija ta' 2% mill-hames nerv kranjali (Pg. 26), 10% mis-sitt nerv kranjali (Pg. 30), 15% mis-seba' nerv kranjali (Pg. 26), u 5% mit-tmien nerv kranjali (Pg. 32). Meta dawn huma ikkombinati flimkien, jammontaw ghal dizabilita` totali ta' 29%. (*American Medical Association Guides to the Evaluation of Permanent Impairment: 5th Edition: Combined value chart Pg 604-606*)."

Gie prezentat affidavit ta' Dominic Azzopardi, fejn semma li fit-18 ta' Dicembru ghall-habta tas-6.20 a.m. telaq ghax-xoghol izda kull ma jiftakar li wara qam mis-sodda ta' l-isptar bl-ebda hsieb ghaliex kien qieghed hemm. Kien fl-ITU f'*coma* wara li kellu incident tal-karozza u r-rizultat ta' dan kien sofra griehi gravi fi Triq l-Imdina gewwa Haz-Zebbug minhabba l-hofor li jinsabu fl-istess triq. Irrefera ghall-iskambju tal-korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Awtorita` tat-Trasport, fejn hemm diskuss il-periklu tal-*Culverts* gewwa din it-triq. Semma li wara gie trasferit mill-ITU ghal go *Ward* S2 fejn il-memorja tieghu ma kenitx izzommlu ghal aktar minn hmistax (15)-il minuta. Kien dam gimghat meta eventwalment il-memorja tieghu bdiet tmur ghall-ahjar.

Semma li meta fl-ahhar irnexxielu jhares lejn ghajnu l-leminija, aktar qabduh dwejjaq u nervi meta ra li l-habba ta' ghajnu kienet imdahhla kwazi kollha taht l-ghadma ta' imniehru. Minn dak il-hin hass li hajtu kienet inbidlet ta' taht fuq. Hareg mill-isptar mimli ugigh u marki fuqu, u hass li d-dinja spiccat ghalih. Anqas ma seta' jitkellem b'mod car, u ma kienx qed jisma' sew. Semma' li kien imur ghat-terapija gewwa l-Isptar San Luqa izda ghadu sal-lum malli jiekol, awtomatikament, inemmes b'ghajnu u kull meta jidhaq, jintrass hafna ghajnu l-leminija. Halqu ma jippermettilux li jitbissem.

Wara l-incident kien tilef ix-xoghol ta' *barman* gewwa "9Ball Café" f'Bugibba. Wara z-zmien li ghamel l-isptar kien dam kwazi 4 xhur bla xoghol, u wara beda jahdem ta'

*receptionist*. F’Lulju 2008 kellu jaghmel operazzjoni f’ghajnu l-leminija biex ma jibqax jara doppju u biex ma jkollux bzonn izomm ghajnu mghottija. Wara din l-operazzjoni ghamel jumejn ghami u hass ugigh mill-aktar qawwi. Sfortunatament l-operazzjoni ma rnexxietx u xorta baqa’ jara doppju. Kellu juza nuccali specjali. Kawza ta’ l-incident, sofra danni fl-apparenza tieghu. Anqas jista’ jipprattika l-akbar passatemp tieghu, u cioe` jilghab il-futbol.

Semma d-diversi spejjez ma’ tobba, medicina, nuccali li kellu jaghmel u spejjez ohra (kopja tar-ricevuti gew annessi ma’ l-affidavit u immarkati bhala Dok H). Dawn ir-ricevuti kollha jammontaw ghas-somma globali ta’ €1652.50.

Meta gara l-incident, kien qed isuq karozza tal-marka Opel Corsa, bil-kulur blu u numru tar-registrazzjoni FAV 698, liema karozza kienet ta’ missieru Anthony Azzopardi. Kawza ta’ l-incident din il-karozza tant kellha hsara li ma setghetx tissewwa u sahansitra f’Gunju 2008 din giet skrappjata. Skond valutazzjoni (Dok J), f’Jannar 2008, din kellha valur ta’ €900.

Meta kitbu lill-Awtorita` tat-Trasport biex din tersaq sabiex thallas id-danni li kienu sofrew kawza ta’ l-incident dawn baqghu ma ghamlu xejn u ghalhekk hu u missieru kellhom jaghmlu din il-kawza.

Rat li fil-15 ta’ Frar, 2012 Dr. Spiteri Bailey ghar-rikorrenti prezenti iddikjara li riferibbilment ghad-danni, danni materjali jammontaw ghal €1,652.50 (Dok H) u valur tal-vettura €900 (Dok J). Irrefera ghal Dok E, il-*payslips* relattivi ghall-introjtu tar-rikorrent, u li l-eta` tar-rikorrent Dominic kienet ta’ 24 sena u r-rata ta’ dizabilita` kif stabbilita` min Dr. Josanne Aquilina.

Rat in-nota tar-rikorrent Dominic Azzopardi li permezz taghha indika l-ammont ta’ l-inqas paga nazzjonali applikabbli ghas-sena 2007 ta’ persuni ta’ 18-il sena u fuqhom bhala €138.90 li jwassal ghal €7222.8.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>C1. Responsabbilta` ghall-incident:</u>***

Ir-rikorrent isemmi li kien involut f'incident stradali fit-18 ta' Dicembru, 2007 fi Mdina Road, Zebbug, meta waqt li Dominic Azzopardi kien qed isuq il-vettura ta' missieru, Opel Corsa numru FAV697, kien involut f'incident minhabba trinek difettuzi u hofor kbar li ikkawzat lir-rikorrenti danni serji, u cioe` fil-kaz ta' Anthony Azzopardi fit-*total loss* tal-vettura msemmija u filwaqt ta' Dominic Azzopardi f'dizabilita` permanenti, liema incident sehh skond ir-rikorrenti tort unikament ta' l-Awtorita` intimata. Infatti irrizulta li sa ftit granet qabel il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug kien gja interpella lill-istess Awtorita` biex tiehu l-passi kollha rimedjali dwar il-hofor u l-istat hazin tat-triq fejn effettivament sehh l-incident *de quo*. Ghalhekk ir-rikorrenti intavolaw il-kawza odjerna halli l-Qorti tiddikjara lill-Awtorita` intimata responsabbli ghall-incident, tillikwida d-danni u tikkundannaha ghall-hlas.

L-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta kienet kontumaci ghall-kawza izda a tenur ta' l-artikolu 158 tal-Kap 12 giet awtorizzata fil-15 ta' Frar, 2012 tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. L-istess Awtorita` ikkontendiet li m'huwiex assolutament car in-ness ta' kawzalita` bejn il-kawza ta' l-incident u d-danni allegati minhabba li r-rikorrenti fir-Rikors Guramentat u ittra ufficjali semmew li l-kawza ta' l-incident hija minhabba trinek difettuzi u hofor kbar. L-Awtorita` insistiet li ma giex ippruvat in-ness ta' kawzalita` bejn il-kawza ta' l-incident u l-azzjoni jew inazzjoni ta' l-Awtorita` intimata u anqas ma gie ippruvat li l-Awtorita` intimata kenitx taf, jew b'mod ragonevoli kenitx mistennija li tkun taf, li l-kundizzjoni tal-parti tat-triq li dwarha qed tittiehed l-azzjoni setghet tikkawza periklu ghall-utenti tat-triq. Fil-fatt, ir-rikorrenti kull ma ipproducew kienu *email* dwar *culverts* mizdudin u parti minnhom li anke cedew. L-istess Awtorita` argumentat li dawn il-hofor setghu facilment gew skapulati. Ikkontendiet li r-rikorrent kien ghaddew b'velocita` ghax kieku l-incident kien jigi evitat u r-rikorrenti ma kienx jitlef il-kontroll tal-vettura. Irreferiet ghas-sentenzi **Angelo Vella vs Paul Mompalao**, Appell Inferjuri - Ghawdex, 16 ta' Settembru 2004; **Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) hekk kif**

**surrogata, sija bil-polza ta’ assigurazzjoni sija bil-ligi, fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha l-Ministru ghall-Edukazzjoni vs Mariella Geres maghrufa wkoll bhala Marie Ella Chircop St. John**, Appell Inferjuri - Malta, 15 ta’ Frar 2006 fejn il-Qrati taghna gja kellhom okkazjoni jirrimarkaw li l-velocita`, meta tkun eccessiva, tinnewtralizza dak il-*margin of safety* tant necessarju ghal kull emergenza li tista’ tinqala’. Dan anke ghaliex, kif ben saput minn kull utent, li l-istat tat-traffiku kapaci jinbidel minn mument ghall-iehor f’tebqa ta’ ghajn. *Speed jista*’ jkun eccessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita` izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi amjentali tal-mument. [Appell Krimiminali - **Pol. vs R. Bugeja** 30.6.62].

L-Awtorita` targumenta wkoll li jekk stess, il-kondotta ta’ sewqan kienu l-kagun kontributorju ta’ l-incident u danni konsegwenzjali allegati u irriferiet ghas-sentenza **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta’ Jannar 1997, fejn il-Qorti qalet:
“L-ispeed eccessiv (li *in civilibus* ma hux limitat ghall-velocita` in eccess ta’ dak regolamentari, imma jista’ jkun wkoll in eccess ta’ dak konsentit lil sewqan prudenti skond il-lokalita’ u c-cirkostanzi) jista’ jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita’ jew kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn, jew jigi provat li dan l-ispeed kien ukoll kawza prossima u mmedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b’mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati mill-istess sinistru”.

Semmiet ukoll il-kaz ta’ **Froom vs Butcher**, fejn Lord Denning osserva:-
“*Negligence is a man’s carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man’s carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man,he might hurt himself*.” [**The Modern Law of Negligence**, R.A. Buckley, Butterworths (1993) pagna 66].

Inoltre ikkwotat minn **Markesins and Deakin’s Tort Law**, Edizzjoni 6, Oxford (2008) pagna 895 fejn jinghad:

"*If the claimant has contributed to the accident he will be taken to have contributed to his injuries as well if these were more likely than not to result from the accident. But he may also be contributorily negligent without having caused an accident in any way by, for example, failing to wear a seat-belt and as a consequence suffering more extensive injuries than he otherwise would have done*".

Ara f'dan is-sens **Cristino Zahra -vs- Raymond G. Ashley**, Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960.

Finalment ikkwotat mis-sentenza **Joseph Saliba vs Is-Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, is-Segretarju Esekuttiv Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar u l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** - Qorti ta' l-Appell - Onor. Imhallef Philip Sciberras - 28 ta' Jannar, 2008 fejn gie asserit li ghalkemm l-amministrazzjoni pubblici jridu jasserixxu lic-cittadini li t-toroq u bankini huma mizmuma fi stat tajjeb u ma jesponux lill-istess cittadini ghal perikolozita` zejda min-naha l-ohra c-cittadini ghandhom id-dover sabiex ikunu attenti waqt li qed jaghmlu uzu mill-istess bankini u toroq pubblici.

Ikkunsidrat li l-Awtorita` allegat diversi affarijiet, specjalment velocita` eccessiva da parti tar-rikorrent kif ukoll kontributorjeta` ghall-istess incident. Izda huwa facli hafna ghall-istess Awtorita` li thalli t-toroq f'certu stat, toqghod kontumaci fil-kawzi u wara permezz ta' nota twaqqa' kollox billi tezimi ruhha minn kull responsabbilta` bl-aktar mod facli. L-Awtorita` ma gabet ebda prova fejn ikkontradiet dak asserit mir-rikorrenti dwar il-hofor fit-triq in kwistjoni. Inoltre r-rikorrenti esebew Dokumenti C u D a fol 7 u 8 tal-process minn fejn jidher l-istat hazin tat-triq. L-incident gara fit-18 ta' Dicembru, 2007 u permezz ta' *email* Dokument b a fol 6 tal-process jirrizulta li l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug kiteb lill-Perit David Vassallo fl-ADT fil-11 ta' Dicembru, 2007 fejn infurmah li "Il-Kunsill qed ikollu diversi rapporti dwar periklu li hemm fil-*culverts* ta' Triq l-Mdina u anke fis-*service road* ta' l-istess triq. Dan minhabba li hemm hafna minnhom mizdudin u parti minnhom li anke cedew." Fl-istess data jirrizulta li l-ADT

irrispondiet "X'jista' jsir fuq dan il-kaz pls? Dan *issue* ta' *defective work* jew *maintenance*?". Minn dan kollu jemergi car li kien jinkombi fuq l-Awtorita` li tibghat nies jaraw x'hemm bzonn isir biex jigu evitati incidenti. Wara kollox kienu saru t-tiswijiet probabbli li l-incident ma kienx qatt jigri, Dominic Azzopardi ma kienx jghaddi l-bqija ta' hajtu fl-istat li spicca u l-Awtorita` kienet tiffranka hafna spejjez, li wara kollox jispiccaw jithallsu mic-Cittadin Malti.

L-Awtorita` argumentat ukoll li ma setghetx tkun taf bihom, izda dan irrizulta li mhux minnu, apparti li jinkombi fuq l-istess Awtorita` li jkollha sistema ta' sorveljanza u naturalment mhux fuq kull toqba zghira li tinqala' kull gurnata izda fuq toqob kbar li jdumu hemmhekk diversi jiem. L-argument li l-hofor setghu gew facilment skapulati mhux sufficjenti biex jiskolpa lill-Awtorita`. Biex toqghod tara fejn hemm xi toqba biex zgur tiskapulaha tispicca ssuq bil-kemm timxi u jinkombi fuq il-Qorti li tara li jekk bniedem ikun qed isuq b'velocita` normali u b'attenzjoni solita wiehed ikkontribwiex ghall-incident jew le. Izda l-Awtorita` b'ebda mod ma ghamlet xi provi (u anqas setghet taghmel ghax kienet kontumaci) li r-rikorrent ikkontribwixxa ghall-incident *de quo*. Certament li l-i*speed* eccessiv, jekk ippruvat, u n-negligenza, jekk ippruvata, u l-kontributorjeta` jekk ippruvata jwaddbu piz enormi fuq ir-rikorrent. Izda l-Awtorita` ma ghamlet ebda provi la ta' *speed* eccessiv, la ta' negligenza u anqas ta' kontributorjeta`. Izda irragunat ipotetikament li jekk wiehed ikun ghaddej b'velocita` baxxa l-incident ma jigrix. Din hija asserzjoni gratuwita li f'ebda hin ma giet ippruvata.

Ghal dawn il-motivi ssib lill-Awtorita` totalment responsabbli ghall-incident *de quo*.

***<u>C2. Damnum Emergens:</u>***

Bhala *damnum emergens* dan gie dettaljatament ikkwantifikat fil-kors tal-kawza. Infatti saret prova dettaljata lid war il-vettura din kienet *total loss* u l-ammont hu ta' €900 dovut lil Anthony Azzopardi; dwar Danni dovuti lil Dominic Azzopardi dawn jirreferu kif indikat fil-

verbal a fol 54 u aktar dettaljatament deskritt u sekondat bir-ricevuti fuq Dok H (fol 75 et) ammontanti ghal €1652.5.

***C3. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***C4. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc

fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens

ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |

| | |
|---|---|
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 24 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 32 ghall-kaz in ezami.

***C5. Paga u gholi tal-hajja:***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent li f'Jannar u Frar kien qala' salarju ghal xahrejn u ghalhekk il-Qorti ma tistax toqghod fuq dan u minflok sejra timxi fuq il-*Minimum Wage* ta' €7222.8 riferibbli ghas-sena bazi 2007. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal 32 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tal-paga minima nazzjonali fid-data ta' l-incident (€7222.8) u dak tal-ahhar salarju (€9720.96 + €7222.8 = €16943.76) ossia €7222.8 + €16943.76 /2 = €12083.28] u <u>jwassal ghal €12083.28.</u>

***C6. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"
U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju

1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Aspett iehor importanti hija l-komputazzjoni f'kaz ta' *multiple injuries* u s-sistema li jintuza biex jinhadem.

Lord Justice Morris, fil-kawza **Scott vs Musial**, stqarr:
"*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."

L-awtur **Munkman** fil-ktieb tieghu *Damages for personal injuries and Death* jispecifika li:
"One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls *short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb*."

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti, per Imhallef G. Valenzia fit-30 ta' April 2001, fl-ismijiet **Joseph Bartolo *et* vs George Zammit**, il-Qorti ghaddet id-dizabililta` relativa ghan-nuqqas ta' toghma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta` epilepsija (9%), telf ta' vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta' 48%. Fis-sentenza **Saviour Sammut *et* vs Robert Demanuele**, 326/98GV deciza fit-12 ta' Lulju 2002 per Imhallef G. Valenzia, il-Qorti wkoll ghaddet flimkien it-18% riferibbli ghall-ksur fin-naha tal-lemin tal-*pelvis* mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrapprezenta grad ta' inkapacita` li jirrispekkja telf ta' indipendenza konsegwenti ghal danni li l-attrici sofriet fil-vista u f'riglejha.

Fis-sentenza **Paul Bottone *et noe* vs Rita Saliba *et***, deciza fis-7 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Ray Pace, f'pagna 15 inghad:
"Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta' dizabilita` fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhox jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittehidx *average*. Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern

thoss li l-persentagg ta’ dizabilita` permanenti ghandu jkun ta’ 25%.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim’Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta’ Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, il-percentwali ta’ dizabilita` stabbilit mill-Qorti kien dak *weighted* f’percentwali globali.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani**, Citazz. Nru. 48/94, deciza fit-3 ta’ ottubru 2003 mill-Qorti Civili Prim’Awla, per Imhallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentagg ta’ dizabilita` ta’ 18% ta’ snien jew xedaq kien gie assommat ma’ dak ta’ l-24% ghal griehi fil-wicc skond l-espert dentali u b’hekk lahhaq 43%. Hawn il-Qorti f’pagna 8 qalet:
“Sewwa irrilevat l-attrici fin-Nota responsiva ta’ sottomissjonijiet taghha (fol. 83) illi z-zewg esperti ma ghamlu l-ebda “*overlapping*” billi l-wiehed (Dr. Zammit Maempel) “eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta’ snien jew xedaq” fl-evalwazzjoni tieghu, mentri l-iehor (Prof. Portelli) attribwixxa percentwali ta’ dizabilita` “li jkopri biss il-wicc;””

Ghalhekk jidher li minhabba diskezzjoni mhollija f’idejn il-gudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta’ kif jinhadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaggi ta’ dizabilita` relativi ghal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

Il-Qorti trid tezamina l-aspett ta' *Lucrum Cessans* u *Combined Values* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta’ dizabilita` totali ta' persuna jekk bhala kawza ta’ l-incident ikunu irrizultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jgu stabbiliti l-*impairment ratings* ghall-kundizzjonijiet kollha kawza ta’ l-incident, fil-fehma tal-Qorti kif presjeduta ma tasalx ghal percentagg ta’ disabilita` billi tghodd l-*impairment ratings* f’daqqa, izda billi tuza l-formula taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-"*whole person impairment*" u li tghaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa' dejjem miexi hekk.

Dan iwassal ghall-applikazzjoni tal-formula segwenti:
Valur kombinat ta' A u B = A + B (1 - A/100) irrontondat ghall-aktar *integer* vicin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* ohra, dawn jigu mahdumin bl-istess sistema, u cioe` billi tapplika l-persentagg fuq ir-*remaining capacity*.

Izda fil-kaz in ezami dan il-process gja inhadem mill-espert mediku li kkonkludit li "Meta dawn huma ikkombinati flimkien, jammontaw ghal dizabilita' totali ta' 29%."

***C7. Lump Sum Payment:***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fit-18 ta' Dicembru 2008 u s-sentenza qed tinghata erba' wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 16%.

***C8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€7222.8] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €12083.28.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 32. Dan igib l-ammont ta' €386664.96;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 29% u ghalhekk jammonta ghal €112132.84;

IV. wara jrid jitnaqqas 16% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €94191.58;

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum* Emergens lil Dominic Azzopardi, dan iwassal ghall-ammont ta' €95838.98.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel*" billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 7222.8 |
| Multiplier | M | 32 |
| Lump sum payment | L | 16 |
| Dizabilita` | D | 29% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €95838.98 |
| | | |

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita` intimata (Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta) hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar it-18 ta' Dicembru 2007 ghall-habta tas-6.30 a.m. fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, f'liema incident ir-rikorrenti sofrew danni serji, inkluz dizabilita` permanenti;

Illikwidat id-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' l-incident hawn fuq imsemmi fil-konfront ta' Anthony Azzopardi riferibbilment ghal-vettura fis-somma ta' €900; waqt li fil-konfront ta' Dominic Azzopardi fl-ammont ta' €95838.98 kif spjegat dettaljatament hawn fuq.

Tikkundanna lill-Awtorita` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dawk is-somom a favur kull wiehed mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-Awtorita` intimata mil-lum u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------